PDF Compressor Pro



# Primarja Xewkija

## L-iskola tiegħek għas-suċċess t'uliedek fix-Xewkija

### B'RESPONSABBILTÀ U B'RISPETT NAĦDMU ID F'ID MAGĦKOM GĦALL-AQWA TEŻOR LI GĦANDNA — ULIEDEK!

Għeżież Ġenituri / *Carers*

Nifhmu kemm tħobbu lil uliedkom u lesti biex tagħmlu kull sagrifiċċju għalihom. Nifhmu wkoll li tixtiequ li tagħtuhom l-aqwa edukazzjoni possibbli; u għalhekk l-għażla tal-iskola primarja hija waħda importanti ħafna. Kien għalhekk li fl-iskola Primarja tar-raħal tagħna qed ninvestu bil-kbir sabiex niggarantixxu waħda mill-aqwa servizzi ta' edukazzjoni primarja fil-gzejjer Maltin.

Għalhekk, jekk int ġenitur li ibnek/bintek ser jagħlaq 3 snin bejn l-1 ta' Jannar sa l-aħħar t'April 2014, inħeġġuk tasal wasla sal-iskola u ġġib miegħek il-ktieb tat-tilqim u l-Karta tal-Identità. Ibnek jew bintek jista' jibda jattendi l-ewwel klassi tal-Kindergarten mit-Tnejn, 3 ta' Frar ta' din is-sena. Aktar informazzjoni fuq 2155.6341 jew gc.xewkija.pr@gov.mt

Bil-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali Xewkija, kull tifel u tifla jingħata pakkett edukattiv li jgħin ħafna fl-ewwel passi tat-tagħlim.

- ✓ Attenzjoni individwali fi gruppi iżgħar
- ✓ Programm intensiv ta' tagħlim sabiex inkabbru l-ħiliet tal-ħsieb u l-espressjoni bil-kelma u bil-kitba b'mod kreattiv
- ✓ Servizz individwali ta' Edukazzjoni Kumplimentari
- ✓ Servizz ta' *Learning Support Assistants* ma' tfal bi bżonnijiet partikolari
- ✓ Faċilitajiet moderni u mezzi tat-teknoloġija f'kull klassi




**Jien għażilt l-iskola ta' raħal twelidi!**

Gozo College Xewkija Primary
Soil Street Xewkija Gozo XWK9034
t. 21.55.6341 m. 77.55.6341
e. gc.xewkija.pr@gov.mt

responsibility • respect • right attitude

**Kunsill Lokali Xewkija**